**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Artikoli 251B, 338 (dd), 339 (1) (e), 338 (dd) u l-Artikolu 55 tal-Kap 480 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Magistrat**
**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL.D. Dip. Matr. (Can)**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Godwin Scerri)**

**Vs**

**ADRIAN CARUANA**

**Illum, 31 ta' Mejju, 2018**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputat **ADRIAN CARUANA,** bin Henry u Giovanna Maria nee Spiteri, imwieled l-Pieta nhar id-29 ta' Gunju 1974, residenti 1, Moomba, Triq ix-Xambekk, M'Xlokk, u detentur tal-karta ta' l-identita' numru 370674M gie mressaq quddiemha u akkuzat talli nhar il-25 ta' Settembru 2012 ghall-habta tal-10.30 a.m. waqt li kien fuq id-dghajsa bl-isem Stella Del Mare II u fid-distanza ta' 21 mil fil-grigal ta' M'Xlokk:-

1. Kiser volontarjament il-bon ordni u/jew il-kwiet tal-pubbliku.

2. Talli fl-istess data, lok, hin ghamel lil haddiehor theddid bi kliem.

3. U aktar talli, fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi, l-imgieba tieghu ikkagunat lil haddiehor biza li se tintuza vjolenza kontrih jew kontra l-proprjeta tieghu jew kontra l-persuna jew il-proprjeta ta' xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti ahwa subien jew bniet jew xi persuna imsemmija fl-artikolu 222 (1).

4. U aktar talli fl-istess data, hin u lok, filwaqt li kien qed jaghmel reat kontra s-sigurta' tal-gvern jew kontra il-persuna (minbarra omicidju involontarju jew offiza involontarja, jew offfiza involontarja fuq il-persuna ) jew ta' serq jew hsara fil-proprjeta  minbarra hsara involontarja fil-proprjeta jew filwaqt li kien qed jigi arrestat ghal delitt kellu fuq il-persuna tieghu xi arma regolari jew munizzjoni jew xi imitazzjoni ta' dawk l-oggetti.

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex tipprovdi ghas-sigurta' ta' persuni offizi jew individwi ohra jew ghaz-zamma tal-ordni pubblika, jew ghall-iskop ta' protezzjoni tal-persuna leza jew ta' individwi ohra minn fastidju jew imgieba ohra li tikkaguna biza ta' vjolenza, tohrog Ordni ta' Protezzjoni kontra l-akkuzat.

Rat id-dokument esebit mill-Prosekuzzjoni u cioe' l- affidavit ta' **WPS 217 A. Formosa** mahluf minnha nhar il-5 ta' Novembru, 2012 quddiem il-Kummisarju li b'setgha jista jaghti il-gurament.

Spjegat illi nhar il-25 ta' Settembru, 2012 ghal habta tat-20.30 p.m. kienet giet infurmatha minn PC 1382 M. Galea li ftit tal-hin qabel huwa kien gie infurmat minn PC 43 K. Darmanin li huwa kien hejja rapport fuq incident ta' theddid b'senter li kien sehh 21 mil 'l barra minn M'Xlokk u li dan il-kaz kien gie

rapportat mill-Kaptan tat-trawler bl-isem Stelle del Mare II minn certu Wagih Mohammed Elgahlu Abouhegazy. Jghid ukoll li dakinhar stess huwa kien informa lill-Ispettur Kylie Borg b'dan il-kaz fejn kienet talbitu biex jerga' jghamel kuntatt mal-Kaptan biex b'hekk tigi verifikata il-verzjoni ta' kif graw ezattament il-fatti.

Ghalhekk nhar is-26 ta Settembru 2012 ghall-habta tal-10.00 a.m. ghamlet kuntatt mal-kaptan W.M.E Fahmy Abouhegazy u kienet talbitu sabiex jirrikorri gewwa l-Ghassa tal-Pulizija tal Belt sabiex jigi mitkellem fuq dan l-istess incident. Dakinhar stess huwa kien kellem ukoll lis-sid tal-kumpanija bl-isem Stella Mare Ltd u cioe' Ernesto Galea u dan kien qallu li l-kaptan kien qieghed jistad bit-trawler meta kienet avvicinatu lancja tal-injam li kienet sejra minn band ohra. Ernesto Galea qallu ukoll li l- Kaptan kien qallu li din il-lanca kienet marret direttament fuqhom u certu Adrian Caruana beda jghid lil kaptan biex huwa jieqaf u ma jibqax jahdem fejn kien qieghed huwa bit-trawler tal-kumpanija tieghu. Il-Kaptan kien staqsa lil Adrian Galea ghaliex hu ma setax ikompli jahdem hemmhekk u wara kien iccekja jekk jistax jahdem hemm il-Kaptan kien informa lil Adrian Caruana li hemm ma kienx hemm cimi.

Ernesto Galea kompla jghid li l-kaptan qallu li Adrian Caruana kien baqa' jinsisti mieghu li huwa kellu jieqaf meta fil-pront Adrian Caruana kien dahal gol-kabina tal-lanca li kien fuqha u hareg senter filwaqt li r-ragel l-iehor li kien fuq il-lanca ta' Adrian Caruana tefa' habel madwar it-trawler tal-Kaptan biex b'hekk huma jiehdu l-iskrun. Ernesto Galea kien qallu ukoll li meta t-trawler kien dahal gewwa l-Port ta' M'Xlokk huwa kien informa lid-dipartiment tas-Sajd u wara li saret spezzjoni mill-ufficcjal tal-imsemmi dipartiment il-habel kien gie migbur minnhom stess.

Fuq din l-informazzjoni nhar is-26 ta' Settembru, 2012 hija kelmet lil Kevin Psaila li jahem fid-dipartiment tas-Sajd fejn dan kien qallha li huma ma kienu ser jiehdu l-ebda passi peress li dan il-kaz kien beda jigi investigat mill-pulizija.

Qalet ukoll li nhar it 2 ta' Ottubru 2012 ghall-habta tal-22.30 hija kienet tkelmet ma Adrian Caruana u lil Henry Caruana fuq dan il-kaz. Tghid li Adrian Caruana kien ta l-versjoni segwenti. Li huma kienu fuq il-bastiment taghhom bl-isem Ave Maria u mir-radar raw li t-trawler kien gol-kanizzati ta' fejn kien hemm il-luzzu tieghu bl-isem Indri. Ghal din ir raguni huma marru jipprovaw iwaqfuhom ghax sabu l-hsara izda l-ohrajn ma tawx kashom. Beda jghidlu biex jieqaf ghax beda jaqta' l-kanizzati. Jghid li lil kaptan fl-ebda hin ma kelmu ghax dan baqa' fil-kabina. Huwa beda jghidilhom biex jieqfu izda ma jafx jekk qalilhomx li kien ser jisparalhom, ghax la senter ta' veru ma kellu u lanqas skratac izda qallhom hekk biex jieqfu, izda ma tawx kasu u baqa' ikaxkar ix-xibka. Qal li mhux minnu li kellem lil Adrian Caruana hazin. Qal ukoll li d-dipartiment tas-Sajd kien waqqaf lil dan il-kaptan kemm il-darba quddiem sajjieda ohra li diga' kienu soffrew xi hsarat minghandu biex huwa ma jibqax ikaxkar hemmhekk.

Spjegalha ukoll li huwa d-dipartiment tas Sajd li jghatihom il-post fejn jistghu jitfghu l-kanizzati taghhom. Din il-posizjoni d-dipartiment kien ta ukoll lil kaptan biex ma jahdimx hemmhekk izda hu baqa' jahdem hemmhekk u huma kienu baqghu minghajr kanizzati ghax il-kaptan kien baqa' hemm u ghax huwa kien qattalhom il-kanizzati taghhom u ghal din ir-raguni huma kienu baqghu b'xejn f'dan l-istagun. Adrian Caruana zied jghid ukoll li huwa pogga dawn il-kanizzati ftit qabel Santa Marija u wara gimgha huwa kien beda isib il-hsara u beda jirraporta il-kaptan mad-Dipatiment tas-Sajd u anke gieli huwa stess kien kellem lill-Kaptan fuq il-bahar ezatt hdejn il-kanizzati stess. Hawn Adrian

Caruana pprezenta ittra fejn huwa bhala sajjied iehor kien baghat lid-dipartiment tas-Sajd izda ma kien gara xejn minn naha taghhom. Fuq dan il-kaz kelmet ukoll lil Henry Caruana fejn dan taha l-versjoni segwenti. " *Iva jien tfajtlu l-habel biex jieqaf izda huwa xorta baqa' sejjer ghax qabdu bil-ganc'*. Lit-tifel tieghu Adrian qallu biex jerhilu u hekk ghamel ghax telqu 'l hemm. Tghid ukoll li Adrian Caruana kien gie infurmat li kienu ser jittiehdu fil-konfront tieghu passi gudizzjarji.

Semghet lil **PC 43 Keith Darmanin** jixhed u dan fis-seduta tat-8 ta' Ottubru 2014 u spjega li nhar il-25 ta Settembru, 2012 Muhammed Wallid El Gami Fahmu Abugazi fil-kapacita tieghu ta' Kaptan ta' bastiment mar jirraportalu li waqt li kien ghoxrin mil 'l barra minn M'Xlokk fuq il-bahar lejn il Grigal fuq id-dghajsa tieghu Stella Mare II numru MFA 7197 avvicinathom lanca ohra ta' kulur bajda li kellha n-numru MFA 272 li fuqha kien hemm Adrian Caruana li qallu li huwa sidha. Mistoqsi jekk kellimx lil dan Adrian Caruana jghid li le. Huwa pprezenta l-okkorrenza relattiva li giet immarkata bhala Dok KD ( fol. 21).

Fl-okkorenza jghid ukoll li Adrian beda jghidlu biex jersaq u hu beda jistaqsih ghalfejn kellu jersaq u kif qallu hekk Adrian dahal gol-kabina u hareg b'senter u qallu li kien ser jisparalu filwaqt li Henry Caruana li jigi missier Adrian tefghalu l-habel biex dan idurlu mal-iskrejjen tad-dghajsa. Wara Adrian beda jghidlu li kien ser iqattghalu ix-xbieki u beda joffendih imbaghad telaq minn hdejh.

Fl-okkorenza hemm imnizzel li l-pulizija ghamlet kuntatt ma Erneso Galea sid il-lancja Stella Mare u dan ikkonfermalu li l-Kaptan Walid kien qed jistad bit-trawler meta Adrian Caruana avvicinah u marret dritt ghal fuqu u wara li kien hu stess li ghamel il-verifiki rrizultalu li hemmhekk fejn kienet il-lanca ma

kienx hemm cimi. Adrian Caruana beda' jinsisti li ma setax joqghod hemm u dahal gewwa u hareg b'senter. Dan qallu ukoll li l-Kaptan kellu jinforma ukoll id-dipartiment tas-Sajd u ha l-habel lill-istess dipartiment.

L-**Ispettur Kylie Borg** xehdet nhar il-21 ta' Novembru 2017 u kkonfermat li nhar il-25 ta' Setembru 2012 waqt li kienet stazzjonata l-ghassa tal-pulizija tal-Belt Valletta fejn kienet infurmata minn WPS 217 illi dakinhar kienet ta' l-ghassa bhalma kienet hi u kien gie kaptan ta' bastiment tas-sajd certu Kagih Mohammed Elghaly Fahmy jghamel rapport li waqt li kien fuq il-bahar bid-dghajsa tieghu Stella Mare II li ghandha numru ta' registrazzjoni MFA 7197 kien gie avvicinat minn lanca ohra bin-numru ta' registrazzjoni MFA 274. Tghid li l-kaptan ta' din id-dghajsa ahharija kien Adrian Caruana u dan beda jghidlu biex jersaq lura u dak il-hin Adrian dahal gewwa fil-kabina u hareg b'senter filwaqt li missier dan Adrian waddab il-habel fil-bahar biex idurlu ma l-iskrun.

Meta semghet hekk nhar it-28 ta' Settembru 2012 kienet baghtet ghal kwerelant fejn kienet staqsiethu ghal aktar dettalji u fil-fatt kien qallha li dakinhar ta' l-incident tal-25 ta' Settembru 2012 kienu qeghdin wiehed u ghoxrin mil il'barra minn M'Xlokk jistadu bi xbieki u kien qallha li hu flimkien mal-membri l-ohra tal-crew kienu qeghdin iwaddbu ix-xbieki. Wiehed mill-membri tal-crew kien qallu li ra dghajsa gejja b'velocita' qawwija fid-direzzjoni taghhom u waqfet xi erbgha jew hames metri 'l boghod minnhom. Fuq din id-dghajsa huwa gharaf lil Adrian Caruana u dan ghamlilhom sinjal biex jieqfu milli jkomplu jistadu hemmhekk fejn kienu. Huma ma waqfux u Adrian qallu li kien qallu li qatghalu c-cima. Huwa staqsih jekk kienx ra din ic-cima u qallu li le. Il-kwerelant qallha ukoll li Adrian Caruana beda joffendih bil-familja u beda joffendi ukoll lill-imghallem tieghu li dak il-hin ma kienx fuq id-dghajsa. Qallu li jekk ma kienx ser jieqaf kien ser

jidhol gewwa u igib senter. Dan il-kwerelant stqarr maghha li ma kien qed jghamel xejn hazin u ghalhekk ma waqafx mix-xoghol tieghu. Fil-pront Adrian dahal fil-kabina tad-dghajsa tieghu gab senter, fetah il-pocket u ppuntah lejh fejn kienu hu u l-crew tieghu. Qallu ukoll li jekk ma kienux ser jieqfu kien ser joqtolhom.

Imbaghad ikompli jghidilha li pogga is-senter ma l-art, rega' tella s-senter wara ftit, qal xi diskors lil kwerelant izda dan ma semghux u rega nizzel is-senter. Ra lil missier l-imputat jitfa l-habel fil-bahar u dan minn naha tal-lemin biex dan il-habel jithabbel mal-mutur tad-dghajsa tal-kwerelant. Il-kwerelant qallha li kien informa lill-imghallem tieghu Ernesto Galea dwar l-incident.

Sussegwentement kienet baghtet ghal dan Adrian nhar l-20 ta' Ottubru 2012 u haditlu stqarrija li tinsab esebita fl-atti u mmarkata bhala Dok KB2. Hija gharfet lill-imputat odjern bhala l-istess Adrian Caruana li rrilaxxja l-istqarrija.

Dakinhar Adrian Caruana kien ikkonfermalha li kien qieghed jistad ghall-lampuki ghaliex huwa ghandu il-permess minghand id-dipartiment tas-Sajd. Waqt li kien ghaddej fil-25 ta' Settembru, 2012 bir-radar tieghu kif ukoll b'ghajnejh seta jara l-bastiment Stella Mare II kien ser jghaddi minn gol-cimi tieghu. Qal li kien telaq minn fejn kien u mar fejn ic-cimi li kellu u mar iwaqqaf lil kaptan tal-bastiment Stella Mare II. Beda jghajjatlu fuq il-VHF u ma kelmux u baqa' sejjer vicin tieghu. Kelmu u qallu biex jieqaf ghaliex kien ser jaqtalu ic-cimi. Infurmaha li dan ma waqafx. Meta ra hekk resaq lejh u beda jghidlu biex jieqaf imbaghad qabad senter f'idejh li kien tal-plastik u hargu ghalih biex ibezzghu. Staqsitu x'kien qallu biex ibezzghu u dan qalilha li qallu li kien ser jisparalu u qallha li l-kaptan wiegbu "spara spara."

Staqsietu ghalfejn hass il-bzonn li johrog is-senter u qalilha li ghamel hekk biex ibezza lil Kaptan tal-lanca l-ohra. Staqsietu fejn kien ipponta is-senter u qallha li kien ippuntah lejn it-tkaxkir fuq in-naha ta' wara tal-bastiment u staqsietu ghalfejn igorr senter tal-plastic mieghu fuq il-bastiment u dan qallha li ma kienx igorru ta' spiss mieghu izda dawk l-erbat ijiem partikolari hadu mieghu minhabba fihom biex ibezzaghhom. Hass li biex jieqfu kellu ibezzaghhom b'senter.

Mistoqsija jekk ghamlitx xi *searches* fuq il-bastiment tghid li ma ghamlitx u qadet fuq dak li kien ammetta maghha l-imputat.

Semhet lill-kwerelant **Kagih Mohammed Elghaly Fahmy Abouhegazy** jixhed u dan fis-seduta tal-21 ta' Novembru, 2017. Dan qal li r-rapport li kien ghamel lill-pulizija kien zmien ilu. Qal li xoghlu huwa sajjied fuq il-bahar u jmur jistad ghall-hut bix-xibka. Ikkonferma li huwa l-Kaptan tad-dghajsa Stella Mare II. Ikkonferma li jaf lill-imputat u dan bhala l-kaptan tad-dghajsa li marret ghal fuqhom. Qal li fl-incident li sehh fis-sena 2012 huwa kien qed jistad bix-xbieki fuq quddiem tal-bastiment . Qal li lill-imputat rah fuq dghajsa waqt li kien fuq il-*bridge* b'senter kannella f'idejh.  Iddeskriva l-kanna ta' dan is-senter bhala wahda twila . Jghid li l-imputat kien boghod minnu xi ghoxrin pied. Jaf li tkellem bil-lingwa hazina pero' l-kliem ma jiftakrux. Qal li l-imputat kien akkuzat li qatalu xi cima u wara li qallu li ma kien qatalu l-ebda cima baqa' jitkellem hazin maghhom. Kien wara li mar jigbor is-senter. Jaf li d-dghajsa tal-imputat spiccat quddiemhom u tefghulu l-habel biex jehel ma l-iskrun taghhom. Jikkonferma li fuq id-dghajsa l-imputat kien ma missieru u ma huh u xi nies ohra. Mieghu ukoll kien hemm nies ohra pero' llum il-gurnata dawn in-nies telqu minn Malta ghal pajjizhom. Dan l-incident inqala' waqt li kienu fuq il-bahar. Mistoqsi f'hiex hin kien dan l-incident jghid li llum il-gurnata ghadda iz-zmien u ma jiftakarx. Pero' xi hin bejn filghodu u nofsinhar.

Jghid li qabel dan l-incident ma kienx jaf lill-imputat izda kien sema bih minn M'Xlokk. Kien cert li kien l-imputat odjern li gab is-senter u heddu bih. Mistqosi jekk setghax kien missieru jew huh li kelmu hazin jghid li le zgur li kien l-imputat. Dwar dan jghid li huwa cert ghaliex kien vicin u kelmu.

L-imputat **Adrian Caruana** xehed minn jeddu b'mod volontarju nhar l-20 ta' Dicembru, 2017 u jghid li huwa jahdem bhala sajjied. Jiftkar l-incident mertu tal-kawza u spjega illi huwa kien qieghed fuq il-bahar ghax-xoghol fuq id-dghajsa taghhom u mieghu fuq id-dghajsa kien hem missieru Henry, huh u xi nies ohra. Huwa kellu l-permess mahrug mid-dipartiment tas-Sajd sabiex jahdem l-istagun tal-lampuki. Jghid li l-kwerelant kien gie nfurmat mid-Dipartiment tas-Sajd li ma setax jahdem fl-istess akwati taghhom. Jghid li cio' nonostante baqa' jahdem hemm u anke gieli qata' c-cimi ta' haddiehor. Kemm hu kif ukoll diversi sajjieda ohra kienu gja ghamlu diversi rapporti fil-konfront tieghu ma Frans Caruana li jahdem fid-dipartiment tas-Sajd. Jaf li dan Frans Caruana kien mar ikellem lill-kwerelant waqt li kienu fil-pixkerija. Izda din il-persuna kienet twiegbu li ma kienitx tersaq 'l hemm u li ma kienitx qed taghmel l-ebda hsara lil terzi. Pero' meta kienu imorru fuq il-bahar kienu isibuh hemmhekk.

Jaf li dakinhar kienu fuq il-post u nduanw li kellhom inqas cimi. Jaf li antecedentement kien diga' qatalu zewg cimi u dan qallu li ma kienx ser jerga' jghamilllu hekk. Jghid li miz-zewg rimijiet li kellu beda' jaqtalu hamsa u ghoxrin metru. Qallu li ma kienx ser jerga' jghamilu hekk u allura rega' tefaghhom u ghamillu l-istess ghat-tieni darba. Dan jafu ghaliex rah ikaxkar id-dghajsa u jaqtalu c-cimi. Huwa beda' iwaqqfu ghaliex ried jahdem u qallu li kien qed jghamillu l-hsara u qallu li jekk kien ser ikompli kien ser jaqtalu t-tkaxkir. Huwa kellu senter tal-plastik u beda' jimmirah lejn il-wire tat-tkaxkir, cio' nonostante ma riedx jieqaf. Is-senter kien tal-plastik u ma setax jaqta' t-

tkaxkir jew il-wire, imbaghad tefghalu l-habel quddiemu beix jieqaf. Huwa gabar il-habel u xorta baqa' sejjer.

Jghid li hemm sajjied iehor li tefghalu x-xibka tal-lampuki biex jipprova jwaqqfu imma xorta ma waqafx. Wara dak iz-zmien jaf li huwa tella l-bastiment l-art u ghamillu gwardja sabiex meta s-sajjieda l-ohra jiftghulu xi affarijiet il-bahar ma jistax jaqbadhom mal-iskrun. Jaf li x-xoghol tas-sajd fih hafna spejjez. Il-konversazzjoni mieghu kienet wahda dejjem fis-sens sabiex jieqaf. Mistoqsi jekk offendihx ma jistax jghid jekk offendihx jew le ghax nesa pero' jista' jkun li offendih. Jghid li permess biex izomm senter tal-plastic ma kellux. Jaf li beda iwaqqfu meta kellu s-senter f'idejh izda ma waqafx.

**Francis Caruana** xehed nhar l-20 ta' Jannar, 2018. Spjega illi fis-sena 2012 kien jahdem fid-Dipartiment tas-Sajd. Mistoqsi jekk jafx lill-imputat jghid li jafu u dan bhala *full time fisherman*.Mistoqsi jekk jafx il-kaptan tal-bastiment Stella Del Mare II u cioe' lil Kagih Mohammed Elghaly Abouhegazy jghid li jafu ukoll u jghid li kien ircieva xi *complaint* fil-konfront tieghu fiz-zmien tal-lampuki u cioe' in konnessjoni mal-kanizzati. Jghid li l-imputat kien sab xi hsara fil-kanizzati tieghu u jekk mhux sejjer zball kien sar xi rapport. Kien gie rapporat minn Adrian Caruana illi fiz-zmien meta kien hemm dawn il-hsarat kien ghaddej minn hemm il-kaptan tal-bastiment Stella Del Mare II. L-ilment kien sar minn l-imputat kif ukoll minn missieru Henry Caruana u minn bastimenti ohrajn li ukoll kienu jghamlu rapporti fil-konfront ta' dan l-Egizzjan kaptan tal-bastiment Stella Del Mare II.

Jghid li kienu ikun hemm divesi lamenti fix-xhur ta' Settembru, Ottubru u Novembru mis-sajjieda li kienu jsibu c-cimi taghhom maqtugha. Mistoqsi jekk l-imputat ilmentax mieghu fuq kaptani ta' bastimenti ohra jghid li ma jidhirlux. Jghid li kien anke iltaqa' ma l-imputat u dan l-Egizzjan fl-ufficcju tieghu

sabiex jipprovaw jaslu ghal xi kompromess u jghid li minn dak in-nhar 'l quddiem, ilmenti ma baqghux isiru. Mistoqsi jekk l-Egizzjan halsux tal-hsarat, jghid li ma jafx ghaliex ma dahalx f'dik il-materja.

Semghet lill-partijiet jitrattaw il-kaz u dan fis-seduta tal-24 ta' Marzu, 2018 fejn talbu lil din il-Qorti tghaddi ghs-sentenza taghha .

Ikkunsidrat:

Illi f'din il-kawza jidher li kien hemm incident fuq il-bahar meta l-imputat qabad senter tal-plastik f'idejh u skond il-Prosekuzzjoni beda jhedded u joffendi lill-kwerelant bih. L-imputat min-naha l-ohra jghid (izda mhux fix-xhieda li ta l-Qorti izda fit-trattazzjoni li saret ghan-nom tieghu mill-avukat difensur) li huwa minnu li qabad senter tal-plastic f idejh pero' ghamel dan sabiex jipprotegi l-persuna tieghu u l-proprjeta' tieghu mill-aggressjoni tal-kwerelant li kien qed ikissirlu x-xbieki u ghalhekk in legittima difesa tieghu.

Illi ghalhekk din il-Qorti ezaminat bir-reqqa l-provi migjuba mill-Prosekuzzjoni kif ukoll l-imputat u x-xhud prodott minnu sabiex jikkonferma li kien hemm rapport dwar hsarat fic-cimi u in oltre li kien hemm terzi persuni li ghamlu rapport fil-konfront tal-istess kwerelant fuq l-istess haga – hsara volontarja fuq kanizzati li hemm fil-bahar waqt l-istagun tal-lampuki.

Ta' min ifakkar li fi proceduri penali, l-onus tal-prova tistrieh fuq il-Prosekuzzjoni matul il-kumpilazzjoni kollha, bhala regola generali, u hija l-eccezzjoni li d-Difiza trid tipprova xi haga.

Il-Manzini fil-ktieb tieghu Diritto Penale pg. 234 Vol III jghid: "*Il cosi detto onero della prova, cioe' il carico di fornirla spetta a chi accusa - onus probandi incumbit qui osservit* ".

Illi ghalhekk m'hemmx dubbju li kollox jiddependi fuq kredibilita' tax-xhieda, u cioe' fuq dak li ddeponew ix-xhieda tal-Prosekuzzjoni waqt li kienu fuq il-pedana tax-xhieda.

Din il-Qorti hija f'posizzjoni ferm aktar favorevoli minn Qrati ohra sabiex taghmel ezami sewwa u bir-reqqa tal-provi mressqa quddiemha, u dan ghaliex wara li l-kaz gie moghti lilha permezz ta' digriet moghti mill-Prim Imhallef hija ghexet il-process kollu, u hadet iz-zmien taghha biex tigbor u tisma' viva voce l-provi kollha, u ghalhekk setghet tikkontrolla l-kredibilita' u l-veracita' tax-xhieda prodotti quddiemha. L-iktar xhieda importanti u cioe' l-kwerelant, l-imputat u xhud tad-difiza instemghu direttament minn din il-Qorti kif preseduta u ghalhekk setghet taghmel l-ezami taghhom ai fini tal-Artikolu 637 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi l-Qorti ghamlet apprezzament tax-xhieda ai termini tal-Artikolu 637(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u dan billi qieset l-imgieba, il-kondotta u l-karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xhieda ghandhiex mis-sewwa jew hiex konsistenti u ta' fattizzi ohra tax-xhieda taghhom, u jekk ix-xhieda kienetx imsahha minn xhieda ohra, u rat ic-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Illi ghalhekk m'hemmx dubju li kollox jiddependi fuq il-kredibilita` tax-xhieda u tac-cirkostanzi tal-kaz u dan billi bhala gudikant il-Qorti sejra taghti qies l-imgieba, il-kondotta u l-karattru tax-xhieda, tal-fatt jekk ix-xhieda ghandhiex mis-sewwa jew hiex kostanti u ta' fatturi ohra tax-xhieda tieghu u jekk ix-

xhieda hiex imsahha minn xhieda ohra u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u dan ai termini tal-Artikolu 637 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Id-difiza qed tallega li l-imputat agixxa in legittima difesa meta hedded lill-kwerelant b'senter minkejja li dan kien tal-plastik u dan ghaliex il-kwerelant kien allegatament ikisser ix-xbieki tieghu. L-imputat ma jichadx li kellu senter f idejh waqt li kien fuq id-dghajsa xi ghoxrin pied il'boghod mill-kwerelant, ma jichadx li effettivament missieru waddab il-habel fil-bahar quddiem id-dghajsa tal-kwerelant bil-ghan li jaqbad mal-iskrun sabiex jieqaf. Id-difiza ma tichadx li tkelmet u hedded hazin lill-kwerelant ghalkemm l-imputat jghid waqt li kien fuq il-pedana tax-xhieda li ma jiftakarx pero' li jista' jkun. Id-difiza tghid li l-kwerelant allegatament ghamel hsara fix-xbieki taghha ghax qatalha c-cimi pero' prova dwar din il-hsara u tad-danni li sofra bhala rizultat ta' dan l-allegat agir ma gabitx. Resqet biss xhud Frans Caruana li jahdem id-Dipartiment tas-Sajd li kkonferma li kien hemm rapport fil-konfront tal-kwerelant u li kien hemm rapport minn diversi sajjieda li kienu qed isibu x-xbieki taghhom maqtugha fiz-zmien tal-lampuki.

Il-Prosekuzzjoni pero' min-naha taghha u ghal dan, il-kwerelant dejjem zamm sod u ta l-istess verzjoni kemm lill-pulizija a tempo vergine meta ghamel ir-rapport tieghu, kemm meta baghtet ghalih l-Ispettur Kylie Borg sabiex tinvestiga r-rapport tieghu kif ukoll wara numru ta' snin meta xehed viva voce il-Qorti. Huwa jghid li mhux minnu li kien qatta xi xbiei tal-imputat jew li ghamillu xi hsara, izda li l-imputat saq id-dghajsa ghal fuqu u kien ghoxrin metru boghod minnu meta beda jheddu u jghidlu biex jitlaq 'l hemm u biex ma jibqax jistad. Jghid ukoll li l-imputat ipponta s-senter lejn ix-xbieki u li heddu u kelmu hazin.

Illi bhala fatt jirrizulta s-segwenti:

1. Illi fil-25 ta' Settembru, 2012 il-kwerelant kien qed jistad xi wiehed u ghoxrin mil il'boghod minn M'Xlokk fuq dghajsa mgharufa bl-isem Mare Del Sole II u li mieghu kien hemm xi crew li gja telqu minn Malta meta bdiet il-kawza odjerna.
2. Illi huwa kien qed jistad ghat-tkaxkir u li kellu il-kanizzati fil-bahar.
3. Illi l-imputat ra lill-kwerelant jghid hu fir-radar imbaghad di vista u mar fuqu bid-dghajsa tieghu meta kien ma huh u missieru fost xi nies ohra.
4. Illi huwa beda jordna lill-kwerelant biex jitlaq minn fejn kien ghaliex hemmhekk allegatament huwa kellu xi xbieki.
5. Illi l-kwerelant dwar dan jghid li mhux minnu kien hemm xi cimi jew xbieki u ried jibqa hemm.
6. Fil-hin l-imputat jidhol gewwa u johrog b'senter  tal-plastic u jippuntah lejn ix-xbieki u jibda' jhedded lill-kwerelant bih u jghidlu li kien se jisparalu.
7. Fil-hin missier l-imputat Henry Caruana jaqbad u jitfa il-habel fil-bahar bil-ghan li jaqbad mal-iskrun tal-kwerelant u b'hekk ma jkunx jista' jkompli jistad.
8. Illi dak il-hin il-kwerelant hassu imbezza u saq l'hemm.
9. Provi dwar allegat hsara ma gewx prodotti.
10. Jidher li kien iz-zmien tas-sajd ghal-lampuki u li kien ikun hemm diversi kanizzati imqatta' kif del resto stqarr Frans Caruana.
11. Ma jidhirx li f'xi hin il-kwerelant kien aggressiv ma l-imputat jew addirittura ghamel xi haga sabiex tinnecessita xi agir partikolari minghand l-imputat. Izda kien il-komportament ta' l-imputat li kkreja l-incident meta hedded lill-kwerelant bis-senter f'idejh.
12. Jirrizulta kif del resto stqarr l-imputat stess li huwa ma kellux licenzja ghaz-zamma ta' din il-pistola tal-plastic.

**Kunsiderazzjoni legali**

L-imputat qajjem id-difiza ta' legittima difesa kif kontemplata fl-**Artikolu 224 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Illi kif huwa ben saput, il-gustifikazzjoni ghall-legittima difesa tirrizulta meta persuna tilqa' b'forza l-vjolenza jew aggressivita ta' persuna ohra diretta lejha jew lejn terzi, kontra liema persuna hekk aggressiva l-agir tad-difensur imputat huwa dirett. Fil-legittima difesa trid tkun inholqot sitwazzjoni ta' perikolu, dannu, theddida u/jew minaccja tal-istess, bl-agir tal-aggressur u mhux da parti tad-difensur, sitwazzjoni kkreata unikament mhux minn min jadotta dik it-tip ta' difiza, izda minn min qed juri jew jimmanifesta dak il-perikolu jew theddid jew dannu mminenti. Fil-fatt l-**Artikolu 223** tal-Ligijiet ta' Malta, jghid:

"*Ma hemmx reat meta omicidju jew l-offiza fuq il-persuna huma ordnati jew permessi mill-ligi jew mill-awtorita' legittima, jew mehtiega mill-bzonn attwali tad-difiza legittima ta' wiehed innifsu jew ta' haddiehor.*"

Dan il-kliem huwa car hafna fih innifsu.

L-A**rtikolu 224 tal-istess Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta** jispecifika l-kazijiet ta' bzonn attwali tad-difiza legittima.

L-origini tal-**Artikoli 223 u 224** tal-Kodici Penali ghandhom l-origini taghhom fil-Codice delle Due Sicilie u l-Kodici Franciz**.** Dan jirrizulta mir-rapport tal-Kummissarju Andrew James li gie pprezentat lill-Gvern meta kienu qed jigu promulgati dawn l-artikoli fil-Kodici taghna. Fil-fatt fir-**Rapporto sui progetti di legge penali e di organizzazione e procedura**

**penali per l'Isola di Malta (30/05/1835)** a fol. 2 insibu referenza ghal dawn l-artikoli u cioe':

"*Essa non e altro nella sua generale sostanza che il Codice Penale per lo regno delle Due Sicilie, il quale Codice si per essere redato nella lingua italiana, come per altre molte valevoli considerazioni, e' quello che meglio di ogni altra, giudichiamo poteva esservi adattato. Essendo poi lo stesso Codice Siciliano non altro che il Codice Penale Francese.*"

Illi ghalhekk il-Qorti sejra taghmel referenza ghall-kommentaturi fuq dawn iz-zewg Kodici b'referenza ghal dawn iz-zewg artikoli.

Jigi rilevat li d-dritt ghall-legittima difesa jitwieled u huwa konsegwenza naturali mid-dritt fundamentali ta' kull bniedem li jipprotegi lilu nnifsu minn xi aggressjoni jew dannu anke bl-uzu ta' forza. Izda l-ligi timponi certi kundizzjonijiet biex din l-eccezzjoni tigi milqugha, cioe’ t-theddid ta' xi aggressjoni jew dannu jew perikolu jrid ikun ingust, gravi, u inevitabbli. Id-difiza trid tkun saret biex jigu evitati konsegwenzi li jekk jeffettwaw ruhhom jikkagunaw hsara rreparabbli lid-difensur jigifieri hsara jew offizi fil-hajja, gisem u/jew partijiet tal-gisem tad-difensur. Voldieri li dak li ghamel l-imputat, ghamlu, peress li f'dak il-mument u cioe' fl-istat mentali li kien ma setghax jevita l-perikolu li setgha rrizulta bl-agir tal-aggressur salv b'dak li ghamel l-imputat. Ghalhekk, kif jghid il-Professur Mamo, il-perikolu ghandu jkun attwali, istantaneo u assolut u b'hekk mhux perikolu premeditat.

Il-**Professur Mamo** jghid:

"*The danger against which the accused reacted should be viewed not necessarily as it was in truth and in fact, but rather as the accused saw it at the time.*"

Wiehed irid ipoggi lilu nnifsu fil-posizzjoni li jkun fiha l-imputat kemm mentalment kif ukoll fizikament, fil-mument meta l-istess imputat agixxa ghar-reazzjoni li kien infaccjat biha, u cioe' l-hsieb tieghu li kien ser jigi aggredit, f'dan il-kaz b'mus mid-distanza li kien u cioe' tant vicina.

Huwa mportanti li l-perikolu jkun attwali mhux imminenti kif jghid u jispjega **Antolisei:**

"*Occorre infine che l'aggressore abbia creato per il diretto preso di mira un pericolo attuale. Il Codice Zanardelli parlava di pericolo 'imminente' dando luogo a molte incertezze. Con la nuova formula (pericolo attuale) si e voluta porre in rilieva che la situazione pericolosa deve esistere nel momento del fatto. Pericolo attuale e il pericolo presente'* [1]

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Toni Micallef** [2]-, il-Qorti qalet sabiex jissussisti l-legittima difesa hemm bzonn li wiehed ikun agixxa biex jirrespingi xi hsara li kienet sejra ssir fuq il-persuna tieghu minn perikolu mminenti ta' aggressjoni; liema aggressjoni trid tkun ingusta, gravi u inevitabbli.

---

[1] Manuale di Diritto Penali - Parte Generale - pg. 261.
[2] Vol XXIX pt iv pg. 734, deciza fis-sittax ta' Ottubru, 1937

Din tkun ukoll il-linja mehuda fil-gurisprudenza taljana kif konfermata f'sentenza moghtija mill-**Corte di Cassazione di Roma** tal-hamsa w ghoxrin ta' Frar, 1978[3]

*"Che difatto, a costruire lo stato di legittima difesa nell'agente, e mesteri che questo si trova sotta l'attuale minaccia d'un male ingiusto, grave ed inevitabile."*

F'dan ir-rigward, il-ligi Skocciza hija simili hafna, fil-fatt kif gie deciz fil-**HM Advocate vs Kizileviczius**[4] - li :

"*To reach the first result, that is to say the result of complete acquital, you must be satisfied of two things. The first of these is that the accused was in imminent and immediate danger of hisown life, he must have had reasonable grounds for apprehension, he must have had reasonable grounds for apprehension for his own safety, and his alarm must have satisfied two things. The first of these is that the accused was in imminent and immediate danger of his own life, he must have had reasonable grounds for apprehension for his own safety, and his alarm must have been well founded and there must have been no other means of escaping from the danger to which he was subjected. The second point that you must be satisfied that the means which he took to overcome the assualts were necessary."*

Ghalhekk sabiex jissussisti d-difiza ta' legittima difesa jrid ikun hemm dawn it-tlett elementi li l-aggressjoni tkun ingusta, gravi u inevitabbli.

[3] Analizi della Giurisprudenza Italiana (1878) Parte Penale - pg. 56:
[4] 1983 JC - A Casebook of Scottish Law pg 347

Rigward l-ewwel element u cioe' li l-aggressjoni trid tkun ingusta, mhuwiex necessarju li jkun hemm vjolenza ghaliex il-Kodici jittratta biss fuq "offiza".

Skond **Antolisei** "*l'oggetto dell'attacco deve essere un diritto*". Rigward il-gravita' o meno tal-azzjoni, **Manzini** fil-ktieb tieghu **Trattato di Diritto Penale**[5] jghid:

"*La giustificante dell articolo 52 (which corresponds to our Section 223) non e affatto condizionale alla irreparabilita del danno ma richiede soltanto che siavi un pericolo attuale e d'ingiusta attesa*."

**Il-Professur Mamo jghid:**

"*The act of defence must have been done only in order to avoid consequences which, if they had followed would have inflicted upon the person "irreparable" evil and the law considers as "irreparable" and consequently grave, that evil which threatens the life, the limbs, the body or the chastity of an individual. The gravity of the aggression must be understood in relation to the defensive reaction and to the means at the disposal of the agent*."

Dwar il-kwistjoni tal-inevitabilita' fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Emily Zarb**[6]**,** il-Qorti tenniet li fost l-elementi li huma mehtiega biex tigi akkordata l-iskriminanti tal-legittima difesa hemm il-fattur tal-inevitabilita', u minghajr il-konkors ta' dan il-fattur ma jistghax jinghata din l-iskriminanti.

---

[5] parte generali pg. 358.
[6] moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-hmistax ta' Frar, 1958

Infatti f'**Analizi della Giurisprudenza Italiana**[7] gie deciz li:

*"Per averci la legittima difesa non basta che vi sia il grave ed imminente pericolo della persona, ma e anche necessario che essa non possa evitarsi in altro modo che col ferire ed uccidere l'aggressore."*

Sabiex il-perikolu jfisser '*situazione inevitabile'*, il-perikolu jrid ikun "*sudden*" u cioe' li l-imputat ma kienx jaf bil-perikolu ghaliex f'kaz li l-perikolu kien anticipat b'certezza, ma kienx ikun hemm legittima difesa izda provokazzjoni. Irid ikun attwali u cioe' li l-aggressjoni tkun diretta lejn il-vittma *necessitas est lex*.

Fil-fatt gie deciz fis-sentenza **Il-Pulizija vs Joseph Micallef**[8] li:

"*Id-dispozizzjoni tal-ligi li tiskuza lil minn jikkaguna offiza lill-persuna ohra in difesa tal-propjeta' tal-feritur tirrikjedi li l-azzjoni, biex tkun skuzabbli ghandha tizvolgi ruhha dak il-mument stess li tkun qieghda tigi nvaza l-propjeta' u in difesa attwali taghha.*"

Fil-fatt **Canofari**, **Il Commentatario al Codice Penali delle Due Sicilie** [9] dwar l-artikolu 373 tal-**Codice delle Due Sicilie** li jikkorrispondi ghall-**Artikolu 223** tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, jghid:

"*La legge e protettrice della difesa privata non della privata vendetta; ella protegge le impulsioni della natura nei momenti della necessita a del periglio, non gli eccessi. Protegge il diritto, non il reato."*

[7] pt 4, pg. 32 - Roma - 25/01/1898.
[8] vol XXXIX pg 1072.
[9] pg. 204 - lib 11- titole VIII)

L-aggressjoni trid tkun <u>assoluta</u> cioe' kif jghid **Carrara:**[10]

"*Cioe che nel momento stesso del <u>pericolo</u> non posso questo declinarsi con <u>altri mezzi innocenti</u>. Tali mezzi si riducono alle preghiere, all'acclamazione alla fuga.*"

Skond **l-Imhallef Harding,** kif gie deciz fil-kawza fuq imsemmija **<u>Il-Pulizija vs Toni Micallef,</u>** ir-rekwizit tal-gravita' jesigi certa proporzjoni bejn l-offiza u r-reazzjoni. Issa jekk wiehed jiehu in konsiderazzjoni l-fatti specie tal-kaz u proprju dak li ghamel l-imputat fid-dawl tas-suespost, ikun konvint li huwa agixxa taht id-difiza tal-legittima difesa u dan ghaliex huwa ddefenda ruhu mill-perikolu li kien mhux gust, gravi u inevitabbli, stante li l-aggressur tieghu kellu mus u kien ser jaggredih bih peress li ma kienx ghadu thallas lura t-tmenin lira Maltin li kien silef lill-imputat. L-imputat irreagixxa bl-istess mod li kien affrontat bih.

Wiehed ghalhekk irid ipoggi lilu nnifsu fil-posizzjoni u stat mentali u psikologiku tal-imputat difensur meta agixxa b'dak il-mod fic-cirkostanzi, kif hassu dak il-hin u mument, cioe' irrabjat u ried jagredixxi. Illi din is-sitwazzjoni holoqha l-imputat, bl-attitudini u aggressivita' tieghu u ghalhekk ma jistghax issa jippretendi li l-Qorti tilqa' l-eccezzjoni tal-legittima difesa.

Fl-ahharnett biex l-imputat ikun jista' jigi gustifikat ghal kollox fid-difisa legittima huwa m'ghandux jaddotta metodi li huma in eccess jew sproporzjonati ghall-aggressjoni jew minaccja ta' perikolu kif effettivament ittenta jaghmel.

[10] pg. 209 - 306 Programma:

Illi din l-Qorti ma thossx li l-imputat agixxa in *legitima difesa* ghaliex huwa qatt ma kien affrontat b'xi perikolu mminenti u attwali u ghalhekk tali difiza qed tigi micħuda.

Illi ghalhekk in vista tal fatti kif fuq esposti kif ukoll in vista tal-kunsiderazzonijiet legali maghmula supra l-Qorti hija tal-fehma li uhud mill-akkuzi moghtija fil-konfront tal-imputat jirrizultaw provati sodisfacentement.

1. L-ewwel akkuza naxxenti mill-A**rtikolu 338 (dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligjiet ta' Malta** li jiddisponi s-segwenti:-

*"Kul min b'xi mod ieħor mhux imsemmi band'oħra f'dan il-Kodiċi, jikser volontarjament il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku"*

Din il-Qorti diga' kellha okkazzjoni tfisser f'diversi sentenzi taghha li bhala regola jkun hemm il-kontravvenzjoni kontemplata fil-paragrafu (dd) ta' l-Artikolu 338 tal-Kap. 9, meta jkun hemm ghemil volontarju li minnu nnifsu jew minhabba c-cirkostanzi li fihom dak l-ghemil isehh inissel imqar minimu ta' inkwiet jew thassib f'mohh persuna (li ma tkunx l-akkuzat jew imputat) dwar l-inkolumita` fizika ta' persuna jew dwar l-inkolumita` ta' proprjeta`, kemm b'rizultat dirett ta' dak l-ghemil jew minhabba l-possibilita` ta' reazzjoni ghal dak l-ghemil.[11]

[11] Vide fost ohrajn, **Il-Pulizija v. Joseph Spiteri** deciza mill-Qorti tal-Appelli Krminiali nhar l-24 ta' Mejju 1996.

Fil-fatt hawnhekk il-Qorti taghmel referenza wkoll ghal dak li jghid **Archbold**[12] meta jikkwota dak li qal **L.J. Romar** fil-kaz **AG v PYA Quarters**.

"*that it is clear in my opinion that any nuisance in public which materially affects the reasonable comfort and nuisance of life of a class of Her Majesty's subject.*"

Il-Qorti taghmel referenza wkoll ghall-ktieb **The Criminal Law of Scotland**[13] gja kwotata fis-sentenza fl-ismijiet **il-Pulizija vs Rita Palmier**[14] fejn hemm tifsira ta' x'inhi paci pubblika u precizament fejn jghid:

"*whether or not any particular acts amount to such a disturbance is a question of fact depending on the circumstance of each case... although it has been held not to be a breach of the peace merely to annoy someone. Such annoyance could amount to a criminal breach of the peace if the circumstance was such that it was calculated to lead to actual disturbance.*"

Illi fil-kaz in desamina jirizulta li l incident sehh fuq il-bahar fejn ma kien hemm hadd iktar vicin id-dghajjes taghhom u ghalhekk anke jekk kien hemm xi ghajjat zgur li ma jistax jinghad li dan ikkreja xi disturb lil pubbliku. Din il-kontravenzjoni ghalhekk ma tirrizultax provata.

Dwar it-tieni akkuza, u cioe' l-kontravenzjoni ta' theddid jinghad li din hija naxxenti mill- A**rtikolu 339(1)(e) tal-Kapitolu 9** tal-Ligijiet ta' Malta li jiddisponi s-segwenti:-

[12] Fil-ktieb tieghu ***Criminal Proceedings*** (pagna 2549).
[13] pagna 985, para. 4101 ta' Gerald H. Gordon
[14] Deciza minn din l-istess Qorti tal-Magistrati fit-tmienja w ghoxrin ta' Mejju, 1998.

" *kull min jagħmel lil ħaddieħor inġurji jew theddid mhux imsemmijin band'oħra f'dan il-Kodiċi, jew jekk ikun ipprovokat, jinġurja b'mod li joħroġ barra mil-limiti tal-provokazzjoni."*

Illi fil-kaz in desamina jirrizulta bic-car li in effetti l-imputat hedded lill-kwerelant u qallu li kien ser jisparalu tant li fl-istatement tieghu l-imptuat jghid li l-kwerelant wiegbu '*spara spara'*. Meta viva voce xehed il-Qorti u gie mistoqsi jekk kienx hedded lill-kwerelant jghid li ma jiftakarx waqt li l-kwerelant jiftakar ben tajjeb li gie mhedded u ddeskriva il-kliem li nghad mill-imputat stess a tempo vergine. Din il-kontravenzjoni tirrizulta provata sodisfacentement.

Dwar it-tielet akkuza u cioe' dik talli kkaguna biza' lil haddiehor u cioe' lill-kwerelant ai termini tal-**Arikolu 251B** u mhux skond l-Artikolu 222(1) kif kwotat mill-Prosekuzzjoni fuq l-akkuza moghtija lill-imputat. Dan l-Artikolu jipprovdi s segwenti:-

" *Persuna li l-imġieba tagħha tikkaġuna lil ħaddieħor jibza' li se tintuża vjolenza kontrih jew kontra l-proprjetà tiegħu jew kontra l-persuna jew il-proprjetà ta' xi ħadd mill-axxendenti, dixxendenti, aħwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl-artikolu 222(1) tkun ħatja ta' reat jekk hija tkun taf jew imissha tkun taf li l-imġieba tagħha se tikkaġuna lil xi ħadd ieħor hekk jibża' kull darba minn dawk l-okkażjonijiet, u tista' teħel…"*

F'dan ir-rigward il-Qorti ssostni li dak li gie ppruvat fil-konfront tal-imputat sehh f'okkazzjoni unika u ghalhekk l-imgieba tieghu ma setghet qatt twassal ghal sejbien ta' htija tar-reat kontemplat fl-artikolu msemmi peress li skont is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminal fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Brian Micallef**[15] u fis-sentenza moghtija minn din il-Qorti diversament preseduta fl-ismijiet **Il Pulizija vs**

[15] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar l-14 t'Ottubru 2011

**<u>Deemer Tabone</u>** [16] u **<u>Il-Pulizija vs Brian Micallef</u>**[17] l-imgieba li tissemma fis-subartikolu (1) tieghu timplika ta' l-anqas zewg okkazzjonijiet. Fil-kawza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Raymond Parnis</u>** tal-24 ta' April 2009 gie rilevat li r-reat de quo gie ispirat mill-artikolu 4(1) tal-Protection from Harassment Act, 1997 tal-Ingilterra fejn ir-reat espressament jirrikjedi bhala wiehed mill-elementi materjali tieghu li l-imgieba trid tkun tikkonsisti fi "*on at least two occasions*". Ma' dan taqbel din il-Qorti kif preseduta u ghalhekk din it-tielet akkuza mhux provata.

Dwar ir-raba' akkuza u cioe' dik talli ghamel reat kontra s-sigurta' tal-Gvern kif kontemplat fl-A**rtikolu 55** tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta li jiddisponi s-segwenti:

"*Salv kull dispożizzjoni oħra fil-Kodiċi Kriminali kif tapplika għaż-żamma, ġarr, użu, akkwist jew pussess ta' armi tannar, kull min –*

*(a) fil-waqt li jkun qed jagħmel reat kontra s-sigurtà tal-gvern jew kontra l-persuna (minbarra omiċidju involontarju jew offiża involontarja fuq il-persuna)*
*jew ta' serq jew ħsara fil-proprjetà (minbarra ħsara involontarja fil-proprjetà); jew*
*(b) fil-waqt li jkun qed jiġi arrestat għal delitt, ikollu fuq il-persuna tiegħu xi arma regolari jew munizzjon jew xi imitazzjoni ta' dawk l-oġġetti, ikun ħati ta' reat u jista', meta jinsab ħati, jeħel ……………. kemm-il darba ma jgibx prova xort'oħra li kien qed iġorr l-arma tan-nar jew l-arma regolari bi skop leġittimu".*

Illi mill-provi prodotti anke mix-xhieda ta' l-imputat stess jirrizulta li l-imputat kellu fil-pussess tieghu senter tal-plastic u ghalhekk imitazzjoni ta' munizzjon u uza l-istess arma sabiex jhedded lill-kwerelant tant li kif qal hu stess qallu li jekk ma isuqx 'l hemm kien ser jisparalu. Din l-akkuza tirrizulta provata b'mod sodisfacenti.

---

[16] Deciza fil-21 ta' Lulju 2016
[17] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar l-14 t' Ottubru 2011

Dwar il-piena l-Qorti ezaminat il-fedina penali tal-imputat esebita fl-atti a fol. 35 et seq u minn ezami ta' l-istess jirrizulta li l-imputat diga' kiser dufrejh mal-ligi f'erba' okkazjonijiet meta nstab hati ta' reati kontra l-Ordinanza tat-Traffiku, kontra l-Ordinanza ta' l-Ambjent, konta l-Ordinanza tal-Armi fejn gie kkundannat multi u inghata probation fis-sena 1991.

Ghaldaqstant il-Qorti rat l-Artikoli tal-ligi u cioe' l-Artikoli 251B, 338 (dd), 339 (1) (e), 338 (dd) u l-artikolu 55 tal-Kap 480 tal-Ligijiet ta' Malta u tiddikjara li ma ssibx lill-imputat hati tal-ewwel (1) u t-tielet (3) akkuza u tilliberah minnhom izda ssibu hati tat-tieni (2) u r-raba' (4) akkuza u ssibu hati taghhom u tikkundannah xahar prigunerija sospiza ghall-perijodu ta' sentejn bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta Malta.

Oltre dan, tordna li ai termini ta' l-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, li tinhareg Ordni ta' Protezzjoni fil-konfront tal-kwerelant **Kagih Mohammed Elghaly Fahmy Abouhegazy skond l-Ordni hawn annessa.**

**Dr. Consuelo Scerri Herrera**
**Magistrat**

**Deputat Registratur**